TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 319/11 (JE).

Franġiska Mangion

vs

Louis Magri

Illum, 17 ta' Mejju 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Franġiska Mangion tat-18 ta' Lulju 2011 fejn stqarret illi għandha qmis (li presubilment xtrat mingħand il-konvenut) li fiha nisġa maħruġa fuq wara u tebgħa fl-għonq, liema qmis ħadietha bil-patt li t-tebgħa tmur mal-ħasil. Meta l-qmis inħaslet bl-idejn nixfet b'ħafna tikmix, liema tikmix ma setax imur bil-mogħdija, l-anqas meta tgħadda mill-konvenut u għaldaqstant, talbet il-flus tal-qmis lura.

Ra r-risposta tal-konvenut illi qal illi meta ġiet ippreżentata l-qmis mill-attriċi, ġie msemmi biss it-tikmif tal-qmis u m'hux difetti ta'nisġa fl-għonq jew wara għax difetti ta' nsieġ kienu ineżistenti meta nxtrat l-qmis. Mill-banda l-oħra, l-attriċi kienet taf bit-tebgħa fl-għonq u ngħatat skont minħabba tali tebgħa. Il-konvenut sostna ukoll illi hija ħaġa naturali illi qmis tal-qoton titkemmex wara l-ħasil u jkollha titgħaddha u fejn tgħaddiet mill-konvenut, it-tikmix mar.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din hija kwistjoni li bi ftit buona volontà bejn il-partijiet setgħet tissolva bonarjament, anke in vistà tal-ammont żgħir involut. Jirriżulta illi l-attriċi kienet taf bit-tebgħa fil-qmis u li tali tebgħa m'hix iddejjaqha daqshekk għalkemm skond bintha, Romina Buckle, jista' jkun illi ma marrietx għal kollox bil-ħasil. Il-problema l-kbira tidher li hi illi wara l-ħasil, il-qmis in kwistjoni tkemmxet u l-attriċi ma rnexxilhiex tgħaddiha minkejja illi użat żewġ ħadidiet tal-mogħdija. Il-konvenut mill-banda l-oħra sostna illi hija ħaġa naturali illi qmis tal-qoton titkemmex wara l-ħasil u illi meta pprova, rnexxielu jgħaddieha.

L-attriċi sostniet ukoll illi kien hemm xi difett żgħir fin-nisġa tal-qmis imma jidher li din m'hix xi problema gravi u ma sarx enfasi fuq din il-problema. Il-konvenut iddikjara li hu qatt ma ġie nfurmat b'tali difett.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal jidhirlu illi l-attriċi ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad mitlub u għaldaqstant, qed jiċħad it-talba tagħha.

In vista tan-natura tal-kwistjoni, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.